MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 68/2010

**Korporazzjoni Intrapriza ta' Malta**

**Vs**

**Bryvarc Limited**

Permezz ta' din il-kawza il-Korporazzjoni attrici qeghda titlob li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallasha is-somma ta' tmien mitt elf ewro (€800,000), garanzija li l-attrici tat lill-Bank of Valletta plc fir-rigward ta' self li nghata lis-socjeta konvenuta. Dan peress li l-istess kumpannija hi moruza fil-hlas tad-dejn li ghandha mal-Bank of Valletta plc. Kawza li fiha l-Korporazzjoni attrici qeghda titlob il jkun hemm id-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12.

Fis-seduta tal-lum id-difensur tas-socjeta konvenuta ta r-ragunijiet ghalfejn ghandha tinghata l-opportunita li tipprezenta risposta guramentata u topponi t-talba li

ghamlet is-socjeta attrici (ara verbal). Fl-ghoti tad-decizjoni dwar is-smiegh tal-kawza ghandix issir bid-dispensa tas-smiegh il-qorti trid tara x'inhuma r-ragunijiet li nghataw mill-kumpannija konvenuta biex tithalla topponi ghat-talba attrici.

Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

1. Permezz ta' kuntratt pubbliku tal-5 ta' Gunju 2009 pubblikat fl-atti tan-nutar Dr Bartholomeo Micallef, is-socjeta konvenuta nghatat self ta' miljun u sitt mitt elf ewro (€1,600,000) sabiex tkun tista' tixtri makkinarju ghall-fabbrika li bdiet topera fix-Xewkija, Ghawdex.

2. Fil-5 ta' Gunju 2009 gie pubblikat kuntratt iehor fl-atti tal-istess nutar fejn il-kontendenti ftehemu li l-Korporazzjoni taghti garanzija ghas-self li nghatat mill-bank sas-somma ta' tmien mitt elf ewro (€800,000). Fil-kuntratt jinghad li: *"Any payment by the Gurantor under the guarantee is conditional to and may only become payable to the Bank by the Guarantor in case of default by the Borrower, "default" denoting failure on the part of the Borrower to attain the following targets as set out in his application for assistance dated 7$^{th}$ August 2008 and subsequent amendments, besides* ***failing to meet its loan repayment obligations.****"* (enfazi tal-qorti) [fol. 7]. F'ittra datata 8 ta' Gunju 2009 il-Kap Ezekuttiv tal-Korporazzjoni attrici baghat igharraf lill-bank li l-Korporazzjoni kienet qeghda *"irrevocably and unconditionally"* tiggarantixxi l-hlas tas-self li nghata lis-socjeta konvenuta, sa massimu tal-limiti li jissemmew fl-istess ittra (fol. 13). Fl-ittra jinghad ukoll: *"It is understood that any sum under this guarantee will become payable on your first demand in writing stating the amount claimed has become due and has remained unpaid by Bryvark Limited."*.

3. Permezz ta' ittra datata 30 ta' Lulju 2010 il-Bank of Valletta plc ta avviz lill-Korporazzjoni attrici li s-somma ta' tmien mitt elf ewro (€800,000) kien dovut; *"You are therefore to treat this letter as our formal demand to you to pay Bank of Valletta plc forthwith the sum of euro*

*800,000 (say eight hundred thousand euro) in respect of your liability under your guarantee dated 8$^{th}$ June 2009."* (fol. 14).

4. Fit-2 ta' Settembru 2010 il-Korporazzjoni attrici hallset lill-bank is-somma ta' tmien mitt elf ewro (€800,000).

5. Permezz ta' sentenza li nghatat illum fil-kawza **Bank of Valletta plc vs Bryvarc Limited** (Rikors numru 67/2010), is-socjeta konvenuta giet kundannata thallas is-somma ta' disgha mija u tnejn u ghoxrin elf u sitta u tmenin ewro (€922,086) in kwantu ma onoratx il-pagamenti mensili li ntrabtet li thallas. Dan wara li l-bank irriduca t-talba bis-somma ta' tmien mitt elf ewro (€800,000) wara l-hlas li rcieva minghand il-Korporazzjoni. Minn dawk il-proceduri rrizulta kif il-kumpannija konvenuta ma hallset lura xejn mis-self li nghatat mill-bank. Jirrizulta li l-kumpannija konvenuta ssospendiet l-operat u skond xiehda li nghatat minn Matteo Massieri[1] fil-kawza fuq imsemmija fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2010, l-impjegati li fadal huma hu u certu George Camilleri (*machine operator*).

Jibda biex jinghad li l-ilment dwar id-dokument li ressqet is-socjeta konvenuta hu minghajr bazi. Il-ftehim ta' garanzija bejn il-Korporazzjoni attrici u s-socjeta konvenuta jinsab a fol. 7 tal-atti. Ovvjament peress li d-dokument hu kuntratt pubbliku, ma setax jigi prezentat l-original. Madankollu giet prezentata kopja vera tal-original kif attest min-nutar stess li ppubblika l-att.

Il-qorti m'ghandix dubju li fil-meritu l-hlas li qeghda tippretendi l-Korporazzjoni attrici hu dovut. Ghalkemm il-hlas sar fil-mori ta' dan il-prodediment, b'daqshekk ma jfissirx li l-kawza li ghamlet il-Korporazzjoni ma tistax tirnexxi. Hu minnu li fir-rikors guramentat is-socjeta attrici ppremettiet li *"…. minhabba l-inadempjenzi tas-socjeta konvenuta, l-istanti giet skoperta fil-konfront tas-socjeta bankarja Bank of Valletta plc u ghalhekk l-esponenti ma*

[1] Responsabbli mill-taqsima tal-manifattura.

*jibqaghlha ebda ghazla ohra ghajr* ***li tagixxi kontra s-socjeta konvenuta*** ***ghar-rilevanza*** ***fit-termini tal-ligi.****"*[2]. L-Artikolu 1948 tal-Kodici Civili qieghed jikkontempla sitwazzjoni fejn il-garanti jipprocedi kontra d-debitur qabel ma jaghmel il-hlas mill-garanti lill-kreditur. Madankollu wara l-hlas li sar fit-2 ta' Settembru 2010 mill-attrici bhala garanti tas-socjeta konvenuta, inbidel ix-xenarju. Il-kumpannija attrici kienet obbligata li thallas lil Bank of Valletta plc wara li fil-5 ta' Awwissu 2010 irceviet l-ittra mibghuta mill-bank datata 30 ta' Lulju 2010 (fol. 14). Il-qorti ma tistax tippretendi li s-socjeta attrici kellha tirrinunzja ghal din il-kawza u tipprezenta kawza ohra *ai termini* tal-Artikolu 1942 tal-Kodici Civili[3]. Bil-hlas li sar fil-mori ta' dawn il-proceduri l-garanti dahal *ipso jure* fil-jeddijiet kollha li l-kreditur kellu kontra d-debitur (Artikolu 1945 tal-Kodici Civili), u llum m'hemmx dubju li d-dejn hu cert, likwidu u dovut. Rilevanti wkoll kif fil-kawza **Bank of Valletta plc vs Bryvarc Limited** (Rikors numru 67/2010) il-kumpannija konvenuta baqghet kontumaci. L-abbli difensur tal-kumpannija konvenuta argumenta li l-azzjoni odjerna hi wahda ta' regress u gialadarba l-hlas kien ghadu ma sarx fid-12 ta' Awwissu 2010, data tal-prezentata tal-kawza, u sar fil-mori tal-procediment, l-azzjoni ma tistax tirnexxi. Il-qorti ma taqbilx. Inoltre anke jekk il-kaz kellu jigi ezaminat mil-lenti tal-Artikolu 1948 tal-Kodici Civili, l-attrici kellha dritt biex tipprocedi kontra l-kumpannija konvenuta meta tqies paragrafi (a), (b) u (e) tal-imsemmi provvediment[4].

Dwar l-argument l-iehor tas-socjeta konvenuta li ghamlet protest gudizzjarju kontra l-Korporazzjoni attrici u tista' tipprezenta talba rikonvenzjonali ghad-danni, il-qorti m'hijiex sodisfatta mill-ispjegazzjoni li nghatat. Mill-protest

---

[2] Ara Artikolu 1948 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

[3] *"**Il-garanti li jkun hallas, ghandu jedd idur kontra d-debitur principali**, sew jekk il-garanzija tkun inghatat bil-kunsens tad-debitur kemm jekk tkun inghatat minghajr dan ma kien jaf."*.

[4] *"Il-garanti, ukoll qabel ma jhallas, jista' jagixxi kontra d-debituri sabiex jigu minnu rilevat –*
   *(a) jekk jigi mharrek ghall-hlas.......*
   *(b) jekk id-debitur ifalli jew isir mhux solvibbli, jew l-istat tieghu jitbiddel u jekk hemm il-ghaliex wiehed jibza' li sejjer isir mhux solvibbli......*
   *(e) jekk id-debitur ikun in mora tal-hlas......."*

gudizzjarju jirrizulta li s-socjeta konvenuta qeghda llum tilmenta li l-impjegati ma kienux kwalifikati biex ihaddmu l-magni ta' manifattura tal-cards, li fil-fabbrika ma kienx hemm provista ta' elettriku adegwata sabiex tkun tista' thaddem il-makkinarju, u minhabba nuqqas ta' transport efficjenti bejn Ghawdex u Malta. F'dan il-kuntest ma jirrizultax li l-Korporazzjoni attrici ntrabtet b'xi obbligi fil-konfront tas-socjeta konvenuta. Dan apparti li Antonio Faranda, rapprezentant tas-socjeta konvenuta, kellu kull opportunita li qabel jidhol ghal dan il-progett jfittex il-parir ta' nies professjonali sabiex jaccerta ruhu li kien vijabbli li jitwettaq dan il-progett fil-gzira ta' Ghawdex. F'kull kaz Antonio Faranda m'huwiex l-ewwel barrani li ddecieda jaghmel negozju f'Malta u hu fatt maghruf li kien hawn hafna progetti li f'Malta saru minn barranin u hallew il-frott. Il-qorti lanqas ma tifhem x'weghdiet setghet ghamlet il-Korporazzjoni lill-ufficjali tas-socjeta konvenuta meta m'hijiex il-persuna li tharreg in-nies ghall-impjieg, m'ghandix x'taqsam mal-provvista tal-elettriku u lanqas tmexxi l-qasam tat-trasport f'Malta. F'kull kaz *prima facie* jidher li l-ilmenti m'huma xejn ghajr skuzi banali sabiex is-socjeta konvenuta tipprova tohloq kaz li ma jezistix u fl-istess hin ittawwal dawn il-proceduri bla bzonn. Hekk per ezempju l-qorti ma tarax kif is-socjeta konvenuta tista' tilmenta dwar it-trasport bejn Ghawdex u Malta meta s-servizz tal-vapur hu tista' tghid kontinwu. Interessanti wkoll kif il-protest gudizzjarju gie pprezentat fis-7 ta' Dicembru 2010, ftit granet biss qabel is-smiegh ta' din il-kawza. Mid-deposizzjoni li nghatat minn Mario Galea[5], ufficjal tal-Korporazzjoni attrici, rrizulta li saru diversi tentattivi sabiex dan il-progett ma jfallix. Pero jidher li min-naha tas-socjeta konvenuta ma tressqux proposti konkreti. Ovvjament hemm limitu ghal kollox. Ir-realta' hi wahda, il-kumpannija konvenuta nghatat facilita finanzjarja ta' miljun u sitt mitt elf ewro (€1,600,000) li minnhom tmien mitt elf ewro (€800,000) gew garantiti mill-Korporazzjoni attrici, u l-konvenuta falliet ghal kollox fit-twettiq tal-obbligi kuntrattwali li assumiet.

---

[5] Ara wkoll l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru: 36/2010 degretat fit-23 ta' Lulju 2010.

**Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti qeghda:-**

**1. Tilqa' t-talba sabiex il-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smiegh.**

**2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' tmien mitt elf ewro (€800,000) bl-imghax jiddekorri mid-29 ta' Settembru 2010, data meta nghata taghrif li l-attrici hallset din is-somma lil Bank of Valletta plc (ara nota prezentata fis-7 ta' Settembru 2010 a fol. 21).**

**Spejjez a karigu tas-socjeta konvenuta**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------